# IL-MALTI

QARI LI TOHROĠ *IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

IT-TIENI KTIEB TA' L-1932

## GĦALIEX AĦNA NĦOBBU L-LSIEN MALTI

Ġibu quddiem għajnejkom wirja ta' ward u ta' fjuri. Ma' tul il-mogħdijiet taraw medda ta' mwejjed, waħda ma' ġenb l-oħra, u fuqhom ward u fjuri ta' kull lewn, ta' kull daqs, ta' kull għamla, ta' kull fwieħa : ward tax-xewk, ġeranji, tulipani, ranunkli, qronfol, ġiżi, gladjoli u ħuġġieġa ta' ward ieħor.

Ma' ġenb kull mejda ssibu aktarx xi żagħżugħ, jew xi raġel magħmul, fuq tiegħu, b'għajnejh jibru u bi tbissima fuq xuftejh, ħarsa u tbissima li malajr jitbiddlu fi tħeddida, jekk xi ħadd jersaq u jmedd idu biex imiss dak il-ward.

Ersqu ma' ġenb il-mejda fejn hemm l-isbaħ ward u staqsu lil dak ir-raġel, jew żagħżugħ li jkun, għaliex hu daqshekk għajjur għal dawk il-fjuri li ma jissograx jaqla' għajnejh minn fuqhom, u taraw li hu jweġibkom: "Għaliex dawk tiegħi"

Ersqu mbagħad ma' ġenb mejda oħra fejn il-ward hu ftit u xejn kajman, iċken fid-daqs, eħfef fin-nisġa tal-weraq u mhux f'waqtu bħall-ieħor. Ir-raġel jew iż-żagħżugħ tal-għassa għandu l-ħarsa u t-tbissima ta' l-ieħor. Għalkemm xi waqt jara l-ġmiel tal-ward fuq l-imwejjed l-oħra, u jitgħaxxaq bih ukoll, iżda ħarstu hemm imsammra l-iżjed, fuq il-mejda ta' ma' ġenbu : u jekk inthom tistaqsuh għaliex qalbu hi hekk marbuta ma' dik il-mejda u ħarstu ma tinqalax minn fuqha, iweġibkom bħall-ieħor: "Għax dawn il-fjuri tiegħi."

U għandhom raġun it-tnejn. Dan minn-awl-id-dinja. Ħaġa li tnisslet u kibret f'darek, jew fil-ġnien tiegħek, li ssaqqiet bl-ilma tal-bir tiegħek, li ftit jew wisq taf il-ħidma ta' dirgħajk

u l-ħsieb ta' moħħok, u li fuqha strieħu bosta drabi ħbub għajnejk, iġġiegħlek tħobbha, għax titfa' bħal għeruq ġewwa qalbek, li ma jitqaċċtux ħafif; issir biex ingħid hekk, biċċa minnek; ħajjitha tintiseġ ma' ħajtek; u jekk hi tiġi li timrad u tmut, inti tħoss li naqsek xi ħaġa, tħoss li f'qalbek sar baħħ li ma jgħaġġelx jintela'.

Il-bniedem għajjur għal ħwejjġu: kulħadd iħobb u jħares dak li hu tiegħu, u jħobbu għaliex *hu tiegħu.*

Aħna nħobbu l-lsien malti, għaliex dak Alla ħatrilna, *hu* il-lsien tagħna.

Fil-wirja kbira tal-ilsna, kull ġens qiegħed għassa talmejda tiegħu fejn hemm mifrux b'taqsim u tiżwiq mill-aħjar il-ward kollu letterarju li nissel u rawwem il-lsien ta' pajjiżu.

Aħna wkoll għandna l-mejda ċkejkna tagħna u qegħdin għassa tagħha. Ma nagħilqux għajnejna għall-kobor, għall-ġmiel, għall-fwieħa tal-ward fuq l-imwejjed ta' l-oħrajn, bil-maqlub, aħna nitgħaxxqu b'dak il-ward ukoll: imma l-mejda tagħna tiġbidna aktar; u jweġġgħalna qalbna jekk xi ħadd imedd idu biex iħassarhielna, jew igħaddi minn għalina jxengel rasu u jkemmex xuftejh.

# KIF JISTAGĦNA L-LSIEN MALTI

L-ilsna kollha jixbhu lil siġra li minn xitla żgħira tikber, tikber, ixxenxel għeruqha l-isfel u tgħolli l-fuq u tmidd fil-wisa' l-friegħi tagħha. Hekk ukoll l-ilsna kollha jitwieldu ċkejknin, bi ftit kliem, bil-kliem l-aktar meħtieġ, iżda bil-qawwa tal-ħajja tagħhom jikbru, jikbru, u aktar ma jikbru aktar jitqawwew sa ma jkunu jistgħu jfissru l-ħsebijiet kollha tal-moħħ.

B'moħħ il-bniedem l-aktar li jikbru l-ilsna. Meta l-bniedem jara l-ħajja tikber madwaru, titbiddel u timxi l-quddiem bi drawwiet ġodda li jnisslulu f'moħħu ħsebijiet ġodda li ma jistâx ifissirhom, għax ma għandux kliem biżżejjed, il-moħħ idur fuq il-kliem li għandu, jaħdmu u joħroġ minnu kliem ieħor li jkabbar il-lsien u jqawwih. Mingħajr moħħ li jaħseb u li jaħdem, l-ilsien jibqa' dejjem qerqni u bla saħħa. In-

fisser x'irrid ingħid : Jekk naraw *gramofonu*, natuh l-isem li għandu f'ilsna oħra, *gramophone*, bla ma nkunu nħaddmu moħħna xejn; iżda wieħed li ma jafx xi jgħidulu f'ilsna oħra, jaf biss li għandu għamla ta' kaxxa u li jdoqq, għalhekk jaħseb u jħaddem moħħu u hekk igħaqqad flimkien dawk iż-żewġ ħwejjeġ li l-aktar laqtuh, u jsemmih *kaxxa tad-daqq*.

Nersqu aktar fil-qrib lejn il-Malti. L-ilsien Malti ilna nitkellmuh mijiet ta' snin; kellu żmien jikber daqs l-akbar ilsna tal-lum, iżda ma kiberx għax ma nkitebx. Jekk ma kienx hawn kitba Maltija, ftit li xejn kien jaħdem il-moħħ fuq il-kliem u għalhekk ftit li xejn sata' jikber l-ilsien Malti. Kull ma kienu jaraw niesna madwarhom jew iħossu ġewwa fihom, kienu aktarx ifissruh bi kliem jew kitba barranija, jew jerħulu għaddej mar-riħ. U hekk il-Malti mhux biss ma kiberx, imma naqas għax tilef mill-kliem li kellu.

Iżda sakemm jibqa' moħħ wieħed ta' Malti, l-ilsien Malti tibqâlu dejjem il-qawwa li jikber. Għalhekk ma jiddejqux il-kittieba ż-żgħażagħ jekk ma jsibux dejjem kliem biex ifissru ħsebijiethom kollha bit-tilwin u bit-tinqix li jridu jatuhom. Iħaddmu moħħhom u jħaddmu l-kliem li jafu u jnisslu minnu kliem ieħor ġdid; iqajmu l-kliem minsi; imexxu aktar dak il-kliem li hu magħruf iżda mhux mexxej, u l-ilsien Malti jixxettel, jintela b'ħajja ġdida, b'ħajja żagħżugħa u jkun jista' jdur bil-ħeffa biex ifisser kull ma jaħseb u kull ma jħoss il-bniedem.

Biex kull ma għidt ma jkunx kliem fieragħ, nati issa xi dawl biex wieħed jara kif jimxi u ma jitfixkilx.

1. L-ewwelnett jeħtieġ naħdmu kemm nifilħu biex nerġgħu ndaħħlu fil-kitba Maltija dak il-kliem kollu Malti, li dari kien jimxi u l-lum mitluf u minsi jew moħbi f'xi rokna mwarrba ta' xi raħal jew f'xi ktieb qadim. Kemm nistgħu nitgħallmu min-nies tar-rħula mbegħdin mil l-ibliet ! Kemm kliem għadhom igħidu li ma tisimgħu mkien ! Kemm ftit jafu bi kliem bħal dan : atar, baħat, batar, darr, dalgħa, dîk, dira, fileġ, godli, ġmiem, heġem, ħemsi, ħiser, ħażaq, ħorr, kiebi, kitf, laħħ, lewwaq, miel, natba, newba, għawwed, għawwieba, għadab, qammat, għanet.

Naf li ħafna min-nies kliem bħal dan jitmeżmżu minnu, jistmelluh, ma jriduhx, għax ma jafuhx, imaqdru l-kotba li jidħol fihom u jiddieħku b'min jinqeda bih. Jagħmlu ħażin. Jekk nistgħu ninqdew tajjeb bi ħwejjiġna, bi kliem li hu tagħna u li kien dejjem tagħna, ma jista' jdawwarna ħadd li nissellfu u nittallbu kliem barrani li flok ma jżid, inaqqas il-qawwa tal-ilsen Malti. Jekk ħafna kliem għoddu miet,

nerġgħu natuh il-ħajja bil-kitba tagħna, noħorġuh mid-dlam għad-dawl, immexxuh kemm nifilħu biex jingħaraf u jindara minn kullħadd, u hekk inkunu nkabbru l-Malti u nroddulu xi ftit mill-qawwa li tilef fl-imgħoddi.

2. Għandna xi kliem Malti li għalkemm magħruf minn kulħadd, hu magħluq f'ħolqa dejqa li ma jistâx joħroġ minnha u għalhekk ma jistâx igħinna fil-kitba. Biex niftiehmu aħjar: xi kliem Malti ngħiduh biss fit-talb jew fit-tagħlim nisrani jew f'xi qwiel jew f'xi għidud ieħor. Nagħżel xi ftit: tewba, għorba, għexur, nhar il-Ħamiem, nieda, u kliem ieħor tgħallimnieh fid-duttrina, iżda qatt ma niktbuh, imma ngħidu u niktbu *penitenza* flok *tewba*, *frustieri* flok *għorba*, *diečmi* flok *għexur*, *Trerè* flok *nhar il-Ħamiem*, *ippublika* flok *nieda*. Hekk ukoll il-kelma *ħorr* li tfisser *imweġġah*, ingħiduha biss fil-qawl: *aħjar imqattgħa u ħorra jew għanja u morra.* U ħafna kliem ieħor ingħiduh biss fil-qwiel: *barrani jaħlik, ġewwieni jisbik; bejjet ma sebbaħ; dak li xthejt lil ġarek, sebaħlek f'bieb darek; ġurdien qluqi qatt ma jsir far; min jaħbi għommtu, imut biha; min iħażżaq wisq, ma jaqbad xejn.* Kliem ieħor Malti hu nieqes fit-tiswir tiegħu, m'għandux il-għamliet kollha li jista' jkollu, jew għax qatt ma kellu jew kellu u tilifhom. Hekk il-kelma *għorba*, li semmejna, baqgħet ħajja weħidha mingħajr is-singular tagħha li hu *għarib;* il-verb *għallem* meta jfisser: *għamel sinjal f'xi ħaġa biex ma tinbidelx* ġejj mill-kelma *għelm=sinjal*, li ma għadniex ingħiduha; mill-verb *amar=ikkmanda* ma baqâlniex ħlief *jamar* li ngħiduha biss fil-għidud: *jekk Alla jamar*, għamliet oħra ta' din il-kelma bħal (hu) *amar*, (int) *amart*, (aħna) *amarna*, (jien)*namar* tlifniehom. U kliem minn dan għandna qatigħ, li ngħiduh biss meta hu msieħeb ma' kliem ieħor u li ma ngħiduh qatt meta nifirduh u nsieħbuh ma' kliem ieħor, għalkemm jibqa' jfisser l-istess ħaġa. Jekk irridu nkabbru l-ilsien Malti jeħtieġ li nħollu r-rbit li bih marbut dal-kliem, noħorġuh mid-dieq li fih hu magħluq u mmexxuh fil-kitba tagħna kull meta rridu nfissru dak li jista' jitfisser bih. Hekk bħalma ngħidu *Alla jamar*, biex infissru *Alla jikkmanda*, għax ma għandniex ingħidu wkoll: *is-sultan jamar* biex infissru *s-sultan jordna*, jew *amar is-sultan* biex infissru *l-ordni tas-sultan*? Bħalma ngħidu *nieda* u *tnedija* biex infissru l-publikazzjonijiet ta' qabel iż-żwieġ, għax ma għandniex ingħidu dawk il-kelmiet biex infissru publikazzjonijiet oħra? Għalhekk flok *ippublika* jew *ħareġ ordni* nistgħu niktbu *nieda amar.*

**Sajdun.**

*(Jissokta)*